

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Diċembru 2008

li tirrifjuta applikazzjoni għall-introduzzjoni ta' denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti pprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 (Džiugas) (IĠP)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 8423)

(it-test bil-Litwan biss huwa awtentiku)

(2009/15/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u partikolarment it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u f'konformità mal-Artikolu 17(2) tiegħu, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Džiugas" bħala indikazzjoni ġeografika protetta għal ġobna, imressqa mil-Litwanja u li waslet fil-15 ta' Ġunju 2005.
- (2) B'risposta għal talbiet mill-Kummissjoni, il-Litwanja pprovdiet verżjoni ġdida tal-ispeċifikazzjoni flimkien ma' sommarju kif ukoll taġġir addizzjonali, li waslu fit-3 ta' Lulju 2006, il-5 ta' Diċembru 2006 u t-3 ta' Settembru 2008.
- (3) Il-Kummissjoni talbet, *inter alia*, għal kjarifiki rigward in-natura tar-rabta bejn il-karatteristiċi tal-prodott li għalih kienet qed tintalab ir-reġistrazzjoni u l-orġini ġeografika speċifika tiegħu.
- (4) Wara li eżaminat il-materjal imressaq fl-applikazzjoni mil-Litwanja, il-Kummissjoni nnutat li l-kwalità speċifika jew il-karatteristiċi tal-ġobna huma kkawżati mill-meotdu tal-produzzjoni tagħha, u ma jstgħux ikunu attribwiti għall-orġini ġeografika tagħha. L-ispeċifikazzjoni tistqarr li r-rabta bejn il-ġobna "Džiugas" u ż-żona tagħha hija espressa bil-meotdu speċifiku tal-produzzjoni tagħha, li jagħtiha karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u organolettiċi li ma jinstabux f'ġobnijiet oħra. Barra minn hekk, l-ispeċifikazzjoni tasserixxi li l-metodu ta' produzzjoni tal-ġobna "Džiugas" jiddetermina l-kontenut oġġali ta' manjeżju u

kaċċju fiha, u li l-karatteristiċi organolettiċi partikolari tal-ġobna "Džiugas", il-kulur kemmxejn safrani b'laqiet griżi u t-toġġma friska tagħha, huma riżultat tal-metodu tal-produzzjoni tagħha. Fin-nuqqas ta' rabta bejn dawn it-tliet fatturi u l-orġini ġeografika, l-applikazzjoni ma tissodisfax il-kriterji bażiċi għar-reġistrazzjoni bħala indikazzjoni ġeografika protetta.

- (5) Għaldaqstant ma ntwerixx li hemm rabta fit-tifsira tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.
- (6) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-applikazzjoni biex id-denominazzjoni "Džiugas" tkun irreġistrata bħala indikazzjoni ġeografika protetta għandha tkun irrifjutata.
- (7) Il-miżura pprovduta f'din id-Deċiżjoni hija konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti u d-Denominazzjonijiet Protetti tal-Orġini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-applikazzjoni biex id-denominazzjoni "Džiugas" tkun irreġistrata hija b'dan irrifjutata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.